# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002

**Numru**

**Avviz numru: 33/02mm**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Carmelo Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm3,952.00) import ta' erba' kambjaliet numri 8, 9, 10 u 11 (Dok'ti. "A", "B", "C" u "D" rispettivament) dovuti mill-konvenut, liema kambjaliet gew girati a favur

tal-Bank attur u skadew fit-2 ta' Awissu, 2000, fit-2 ta' Setembru, 2000, fit-2 ta' Ottubru, 2000, u fit-2 Novembru, 2000, rispettivament.

Bl-ispejjez, kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-dati ta' l-iskadenzi ta' kull kambjala sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma dehrx, la fit-18 ta' Frar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg